



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2013/2210(DEC)**

27.11.2013

## **ABBOZZ TA' OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Fondazzjoni Ewropea  
għat-Titjib tal-Kondizzjonijiet tal-Ħajja u tax-Xogħol għas-sena finanzjarja  
2012  
(2013/2210(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Pervenche Berès

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-kontribuzzjoni tal-Fondazzjoni għall-promozzjoni tal-għarfien dwar il-kundizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol fl-UE; ifakkar it-tneđija tar-rapport ġenerali mill-ħames Sħarriġ Ewropew tal-Kundizzjonijiet tax-Xogħol li fih sejbiet importanti u rilevanti dwar ix-xejriet fil-kwalità tax-xogħol, ix-xogħol sostenibbli u l-forza tax-xogħol li qed tixjieħ, is-saħħa u l-benesseri, il-ħinijiet tax-xogħol u l-bilanċ bejn il-ħajja privata u dik tax-xogħol;
2. Jinnota li l-programm annwali tal-2012 kien tal-aħħar fi ħdan il-programm ta' erba' snin 2009-2012 tal-Fondazzjoni; jilqa' r-reazzjoni tal-fondazzjoni għat-tibdil fil-prijoritajiet tal-politika kkawżat mill-kriżi ekonomika, bit-tneđija ta' proġetti ġodda marbuta ma' temi ta' prijorità dwar l-impatt soċjali tal-kriżi; l-irkupru u l-ħolqien tal-impjiegi; it-tibdil demografiku; u settur pubbliku sostenibbli;
3. Jesprimi s-sodisfazzjon tiegħu li l-Qorti tal-Awdituri ddikjarat li t-tranżazzjonijiet sottostanti tal-kontijiet annwali tal-Fondazzjoni għas-sena finanzjarja 2012 kienu legali u regolari;
4. Jinnota l-kumment tal-Qorti tal-Awdituri dwar ir-rata għolja ta' riporti ta' approprijazzjonijiet impenjati għat-titolu III; ifakkar li r-riport ppjanat jikkorrispondi mal-iskedi ta' pagament u jirrifletti n-natura pluriennali tal-operazzjonijiet tal-Fondazzjoni; jilqa' b'sodisfazzjon li l-livell ta' riporti mhux ippjanati li jifdal naqqsu minn 44 % għal 23 %; jilqa' barra minn hekk ir-rata ta' implimentazzjoni għolja kontinwa tal-baġit 2012;
5. Jinnota l-ispjegazzjoni tal-Fondazzjoni fir-Rapport Annwali tal-Attività (AAR) għall-kumment preċedenti tal-Qorti tal-Awdituri li qajjem tħassib dwar it-trasparenza tal-proċeduri ta' reklutaġġ; ifakkar fl-importanza li t-trasparenza tkun żgurata fil-proċeduri ta' reklutaġġ.